# IL-MEZUZA

Malli wieħed Lhûdi, jixtri, jew jikri dâr, meta jmur jgħammar fiha, qabel kollox, jaħseb biex iqaddisha bl-ewwel tifkîra t'Alla. U din it-tifkîra t'Alla hu dak li hemm mamûr, jew ikkmandat fil-Ktieb tad-Dewteronomju, taqsima VI vers 9: "Għandek tikteb kliem il-Liġi fuq il-ħwieser u fuq il-għatba ta' bieb darek". Għalhekk, l-ewwel ħaġa li jagħmel il-Lhûdi fid-dar il-ġdida hi li, ftit fil-għoli, fil-ħieser il-lemîni tal-bieb ta' barra u fil-ħieser ta' kull bieb ieħor tal-kmâmar ta' ġewwa, iwaħħal imserka — tal-għewwied, tal-ħġieġ jew tal-ħadîd — twila minn 2 sa 4 pulżieri, li ġewwa fiha jkun hemm biċċa ġilda żgħira ta' xi bhima safja — baqra, nagħġa, jew mogħża bi kliem miktub fiha meħud mill-Kotba Mqaddsa. Din l-imserka bil-ġilda miktuba ġewwa fiha, jgħidulha *Meżuża*.

Il-kelmiet li jkun fiha miktûba l-Meżuża, f'naħa waħda, huma dawk li hemm fil-ktieb tad-Dewteronomju, taqsima VI, versi minn 4 sa 9, u li semmiehom ukoll sidna Ġesù Kristu (ara San Mark, taqsima XII, versi 29 u 30): "Isma' ja Israel: il-Mulej Alla tiegħek huwa Alla wieħed; u għandek tħobb 'l Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha".

Fin-naħa l-oħra tal-ġilda tal-Meżuża il-kitba tkun mill-ktieb tad-Dewteronomju wkoll, taqsima XI, versi minn 13 sa 20. "Jiena namar għalikom f'dan il-jum li tħobbu 'l Mulej Alla tagħkom u taqduh b'qalbkom kollha, u b'ruħkom kollha, biex jagħtikom ix-xita għar-raba tagħkom fil-waqt tagħha, biex ikollkom qamħ u nbit u żejt għalikom, u ħaxîx għal bhejjem tagħkom. Biex ikollkom x'tieklu bix-xaba' u tkunu ħienja. Ara li ma titqarrqux, u tagħtu qima lill-allat għariba! Għax inkella Alla tagħkom ma jagħtikomx ix-xita, u l-art ma tagħmlilkomx għelejjel, u intom fi żmien qasir tinqerdu. Għalhekk għandkom tnaqqxu dal-kliem f'qalbkom u f'ruħkom, u tgħallmuh lil uliedkom, u tiktbuh fuq ħieser il-bieb tad-dħul ta' dârkom".

L-imserka li ġewwa fiha jkun miktûb dan il-kliem, għandu jkun fiha toqba żgħira fit-tul tagħha li minnha tkun tidher u tinqara l-kelma *Xaddaj*, jiġifieri: *Jista' kollox*. Il-ġilda trid tkun miftaqda minn żmien għal żmien, biex jaraw jekk hix kollox sewwa. Jekk il-linka tagħha tkun tfiet, il-ġilda għandha titbiddel ma waħda oħra ġdida; meta tkun titwaħħal mal-bieb għandha tingħad talba u barka u foħrija 'l Alla, talli tagħa lil-Lhud dana l-amar. Il-Lhud li jħarsu Dinhom (għax il-lum hemm għadd kbir ta' Lhud li mid-din tagħhom ma jħarsu xejn, jew qisu xejn ħlief il-ħtîn, jew *ċirkunċizzjoni*) meta jgħaddu minn ma' ġenb il-Meżuża, imissuha u jbusu subgħajhom bil-qima (1).

Din il-Meżuża titqiegħed hemm biex tfakkar lil ulied Israel l-aqwa amar li tagħa Alla lil misserjiethom, u l-ħtieġa li titqaddes id-dar bit-tagħlîm tad-Djiena, biex Alla jħarsilhom id-dar u jħares ukol lilhom, li jgħammru fiha, minn kull ħsâra. Il-Meżuża hija bħala seħer, u aktarx li tfakkar

fid-demm tal-ħaruf li l-Israelijin żebgħu mal-ħwieser tal-bibien tagħhom meta l-Anġlu t'Alla qatel lil bikrijin tal-Eġittu (Ktieb il-Ħruġ, XII, 22-23), biex huma jitħârsu minn kull deni meta jgħaddi l-Anġlu t'Alla.

Li l-għan tal-Meżuża huwa bħal seħer biex jitħarsu mid-deni, jidher ċar għax il-Lhud jemmnu wisq bil-ħarsien mid-deni, meta jkollhom xi ħaġa fuqhom bħala seħer. Għalhekk iħobbu jżommu wkoll fuqhom biċċa ġilda ġewwa borża tax-xoqqa (2) li jkun fiha miktub xi kliem imqaddes bil-lingwa Għebranija. Għamla oħra hija qalb żgħira tad-deheb, li tiddendel fil-għonq, li jkun fiha miktûb fuqha l-kelma li semmejna l-ewwel: *Xaddaj*, jiġifieri: jista' kollox, min-naħa l-waħda, u l-luħ ta' David (jiġifieri żewġ trijangli kontra xulxin, li jagħmlu bħal stilla b'sitt ponot), min-naħa l-oħra. Kemm hija ħaġa meħtieġa li jilbsu fuqhom xi għamla ta' seħer biex tħarishom mill-ħsara, jidher, għax għandhom il-ħalla jew *permess* li jilbsuhom saħansitra nhar ta' Sibt, bla ma jagħmlu ħtija. Fiż-żmenijiet tan-nofs, il-ħatem tal-għarusa kien ikollu miktub fuqu żewġ kelmiet: *Mazel Tov*, jiġifieri: *Xorti Tajba* u kien mitwemmen li b'daqs hekk il-għarûsa titħâres minn kull għajn. Il-lum ukoll, għall-għarajjes hemm ħwietem minqûxa bl-isem t'Alla (Jahwe), biex iħarishom mill-għajn ħażîna.

Ħaġa oħra li tixbaħ lil Meżuża u li tinsab fid-djar ta' wisq Lhud, hija l-*Mizrakh*, li jista' jkun t'iex ikun: tal-karta, tal-għewwied, tal-ħarîr jew tal-bellus imtarraż jew irrakkmat. Il-kelma *Mizrakh* tfisser ix-Xerq, jiġifieri n-naħa minn fejn titla' x-xemx. Il-Miżrakh jitqiegħed ġewwa *gwarnić*, u jiddendel mal-ħajt li jħares lejn tlugħ ix-xemx, biex nies id-dâr, meta jitolbu, joqogħdu wiċċhom il dik in-naħa (3). Fil-Mizrakh ikun hemm miktub il-vers 3 tas-Salm CXII: "Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, jitfaħħar l-Isem t'Alla!"

**P. Ubertinu Berti O.F.M.**

---

(1) Aħna l-Maltin ukoll għandna dil-għada li mmissu xi ħaġa mqaddsa u nbusu subgħajna. F'kemm il-knisja, hawn Malta, kif tidħol il-bieb, ikun hemm plakka bis-salib ta' san Benedittu li nbusuh bħal ma l-Lhud ibusu l-Meżuża.

(2) L-Insara tal-Palestina jagħmlu hekk ukoll. Ġewwa l-borża tax-xoqqa jkun hemm karta b'xi talba miktuba fiha. Il-borża tkun żgħira, ftit iżgħar minn *labtu*, minn dawn li naraw Malta, u l-karta tkun mitwija ġewwa fiha. Idendluha l-aktar f'għonq it-tfal, u jgħidulha "ħġâb".

(3) Il-Misilmin ukoll iħobbu jiktbu kliem mill-Qorân, iqegħduh fi *gwarnić* u jdendluh mal-ħajt, ġewwa d-dar. Wieħed Mislem minn Betgħanja kellu kitba bħal din imdendla mal-ħajt li għadni niftakar ġewwa li kien fiha miktub dal-kliem: "Ja fattâh, ja għalîm; ja rażżâq, ja karîm!" Dawn il-kelmiet qishom xi talba ta' fil-għodu, imma ma nafx humiex fil-Qorân. "Fattâh" tfisser bħal Malti (ara l-qawl: *Alla FETTIEĦ mingħajr muftieħ*); "għalîm" tfisser għaref; "rażżaq", *li jġib ir-riżq*; "karîm", dak li bit-Taljan jgħidulu *generoso*. (In-noti tal-Editur).